

Brussell, 3 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

14535/18

INST 457
POLGEN 224

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn: Presidenza
lil: Delegazzjonijiet
Suġġett: Konsultazzjonijiet taċ-ċittadini
- Rapport Konġunt

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness rapport konġunt dwar il-Konsultazzjonijiet taċ-Ċittadini fisem il-
Presidenza Awstrijaka u l-Presidenza Rumena li jmiss.

Introduzzjoni

Fil-laqgħa informali tagħhom fit-23 ta' Frar 2018, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern iddiskutew l-inizjattiva ppreżentata mill-president Franċiż biex jtnieda proċess pan-Ewropew ta' konsultazzjonijiet taċ-ċittadini. L-inizjattiva proposta kienet maħsuba biex tippromwovi l-involviment maċ-ċittadini u tikkontribwixxi għad-dibattitu dwar il-futur tal-Ewropa. L-Istati Membri qablu li jieħdu sehem b'mod volontarju f'dan il-proċess u li jwettqu konsultazzjonijiet skont il-kuntest u l-prattiċi nazzjonali tagħhom.

L-għan tal-konsultazzjonijiet taċ-ċittadini kien li jkun involut għadd sinifikanti ta' ċittadini Ewropej u li jkunu identifikati t-tfassib, it-tamiet u l-aspettattivi ewlenin tagħhom, sabiex din l-informazzjoni tgħin lill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern fid-deliberazzjonijiet tagħhom u biex jistabilixxu l-prijoritajiet għall-azzjoni tal-UE tul is-snin li ġejjin. Il-proċess ta' konsultazzjoni kien maħsub bħala mezz biex jiġi identifikat it-tfassib u jinġabru l-ideat.

Ilha teżisti tradizzjoni li fl-Istati Membri d-djalogu maċ-ċittadini jintuża bħala mezz biex tkun żgurata u mtejba l-parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċess politiku. L-impenn meħud mill-Istati Membri jirrappreżenta l-ewwel darba li ġie maqbul sforz kollettiv u koordinat tali biex jitwettqu simultanjament konsultazzjonijiet maċ-ċittadini fl-Ewropa kollha, u huwa kontribut uniku għall-proċess kontinwu ta' riflessjoni dwar il-futur tal-Ewropa.

Ir-rapport konġunt, flimkien mar-rapporti nazzjonali differenti u l-kontribut mill-istituzzjonijiet Ewropej l-oħra, jista' jkun utli għad-dibattitu qabel il-laqgħa informali tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern fid-9 ta' Mejju 2019 f'Sibiu u għall-Aġenda Strateġika l-ġdida għall-2019-2024.

Metodoloġija u parteċipazzjoni

L-Istati Membri vvalidaw qafas konġunt li kien jinkludi skeda ta' żmien proposta u prinċipji komuni għall-konsultazzjonijiet. Ġie miftiehem li l-konsultazzjonijiet ikunu inklużivi u mhux partiġġjani u li jkunu jirrispettaw il-prinċipji ta' trasparenza, pluraliżmu politiku u ġustizzja u jkunu miftuħin għal kulħadd. Il-konsultazzjonijiet taċ-ċittadini fil-biċċa l-kbira saru bejn April u Novembru 2018 bil-għan, fost l-oħrajn, li jkun ippreżentat rapport ta' sinteżi lill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern fil-Kunsill Ewropew.

Il-metodoloġija speċifika li kellha tintuża għall-konsultazzjonijiet tħalliet fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri. L-Istati Membri qablu mill-bidu li jfasslu l-proċess skont il-prattiki nazzjonali, il-kuntesti speċifiċi u t-tradizzjonijiet rispettivi tagħhom. Kien sforz kollettiv sinifikanti f'termini ta' loġistika, ttejjija u koordinazzjoni, fejn l-Istati Membri kienu involuti maċ-ċittadini f'firxa ta' ambjenti: laqgħat muniċipali tradizzjonali, konferenzi, avvenimenti pubbliċi fuq skala kbira, dibattiti interattivi u għodod online. Il-biċċa l-kbira tal-avvenimenti għamlu użu minn teknoloġiji ġodda u mill-media soċjali, inkluż livestreaming, kwestjonarji online, pjattaformi diġitali u crowdsourcing ta' ideat.

Il-proċess f'kull Stat Membru kien differenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-involviment tal-gvern u l-għadd ta' avvenimenti u parteċipanti. L-unika naġa kostanti kienet li l-konsultazzjonijiet kollha kienu ffukati fuq diskussjonijiet u interazzjonijiet profondi mal-pubbliku. Bosta avvenimenti ppromovew parteċipazzjoni mid-diversi partijiet ikkonċernati fl-ispettru politiku, is-soċjetà ċivili, l-akkademja, il-media u s-settur tan-negozju.

Il-konsultazzjonijiet kellhom attendenza ġeneralment minn udjenzi varji u twettqu b'mod li tkun żgurata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inklussività u rappreżentanza minn kważi kull grupp tal-popolazzjoni. Bosta Stati Membri ppruvaw ukoll jinvolvu ċ-ċittadini mit-territorju kollu tagħhom, inkluż minn żoni remoti, u jilħqu ċittadini li ssoltu ma jieħdux sehem f'dibattiti dwar kwistjonijiet relatati mal-affarijiet tal-UE. Xi Stati Membri organizzaw avvenimenti ffukati fuq ġenerazzjonijiet iżgħar fl-età, inkluż dibattiti fi skejjel u universitajiet.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri użaw żewġ tipi ta' approċċ: dibattiti ġenerali dwar il-futur tal-Ewropa u konsultazzjonijiet tematiċi dwar suġġetti ta' interess nazzjonali jew Ewropew attwali.

Għalkemm il-konsultazzjonijiet taċ-ċittadini ma kinux mod xjentifiku biex tiġi identifikata l-opinjoni pubblika (jiġifieri sħarriġ tal-opinjoni), f'termini ta' parteċipazzjoni kellhom impatt usa' minn sħarriġ bħall-Ewrobarometru Standard. Il-figuri jissuġġerixxu li kienu organizzati madwar 1 700 avveniment mal-UE kollha.

Minbarra dawk organizzati mill-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) wettqu wkoll konsultazzjonijiet u diskussjonijiet maċ-ċittadini dwar il-futur tal-Ewropa. Il-Kummissjoni Ewropea nediet konsultazzjoni online li kienet tinvolvi kwestjonarju bbażat fuq l-eżiti ta' panel taċ-ċittadini. Xi wħud mill-mistoqsijiet ser jidhru f'Ewrobarometru Speċjali ġdid dwar il-futur tal-Ewropa. Fuq it-talba tal-President tal-Kunsill Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni organizza għadd kbir ta' avvenimenti f'diversi reġjuni Ewropej tul l-aħħar sentejn, filwaqt li l-KESE ppromwova l-involvement tal-partijiet ikkonċernati ewlenin mis-soċjetà ċivili fi djalogi dwar il-futur tal-Ewropa. Il-Parlament Ewropew ospita l-ewwel Parlament taż-Żgħażaġħ qatt organizzat.

Dan ir-rapport mhux qed jippretendi li jipprovdi ħarsa ġenerali rappreżentattiva tal-opinjoni pubblika fost iċ-ċittadini kollha tal-UE, lanqas ma jippretendi li jagħmel ġustizzja lid-diversità sħiħa tal-fehmiet espressi f'daqs tant avvenimenti. Li joffri huwa, fil-fatt, għarfien utli tal-fehmiet taċ-ċittadini dwar kwistjonijiet relatati mal-UE u jissottolinja l-importanza li s-soċjetà ċivili tibqa' involuta fid-dibattitu dwar il-futur tal-UE. Huwa għandu l-għan li jipprovdi ħarsa ġenerali tal-karatteristiċi importanti tar-rapporti nazzjonali dwar il-konsultazzjonijiet fl-Istati Membri differenti u tal-aktar messaġġi komuni fihom.

Sejbiet ewlenin

Il-konsultazzjonijiet maċ-ċittadini mill-Istati Membri differenti kollha juru li, minkejja l-isfidi tagħha, il-biċċa l-kbira tal-parteċipanti jħarsu lejn l-UE b'mod pożittiv. B'mod partikolari, f'diversi Stati Membri ċ-ċittadini jirrikonoxxu l-valur tas-sħubija ta' pajjiżhom mal-UE u l-benefiċċji assoċjati magħha. Madankollu, bosta parteċipanti jidentifikaw ukoll in-nuqqas ta' viżjoni u tmexxija ċari bħala xi ħaġa li qed iżżomm lura lill-UE u li tqajjem għajta għal riforma.

Il-Brexit jissemma biss fi ftit pajjiżi. Fejn jissemma, huwa ta' tħassib sinifikanti, iżda huwa meqjus ukoll li saħħaħ is-sens ta' għaqda tal-UE27 u l-intendiment taċ-ċittadini dwar l-importanza tal-UE u l-valur ta' sħubija.

Il-migrazzjoni, l-isfidi ambjentali u l-edukazzjoni huma fost l-aktar suġġetti rikorrenti f'bosta pajjiżi. Iċ-ċittadini jesprimu tħassib – u aspettattivi – fl-oqsma li ġejjin:

1 - Unjoni li hija sigura u sikura

Il-**migrazzjoni** tidher f'bosta rapporti bħala waħda mill-preokkupazzjonijiet prinċipali taċ-ċittadini tal-UE. Hija meqjusa b'mod konsistenti prijorità għolja kważi fl-Istati Membri kollha. Il-migrazzjoni illegali b'mod partikolari hija enfasizzata f'diversi Stati Membri bħala sfida ewlenija għall-Ewropa. Hija meqjusa li tirrikjedi azzjoni urġenti mill-UE u kkunsidrata li taffettwa direttament il-ħajja taċ-ċittadini. Fid-dibattiti dwar dan is-suġġett ta' spiss tiffaċċa d-domanda għal **protezzjoni aħjar tal-fruntieri esterni tal-UE**. Fl-istess ħin, iċ-ċittadini f'ħafna pajjiżi jirrikonoxxu wkoll imperattiv umanitarju għall-UE. **Politika komuni tal-UE dwar l-asil**, mekkaniżmi ta' distribuzzjoni, kif ukoll solidarjetà u responsabbiltà fl-Istati Membri huma msemmija ta' spiss. Barra minn hekk, filwaqt li xi ċittadini huma kuntenti bl-integrazzjoni attwali tal-migranti, xi oħrajn jaraw bżonn urġenti li jsir aktar f'dan ir-rigward.

Ta' spiss l-UE hija mitluba tagħmel aktar biex **twaqqaf il-flussi migratorji illegali**. Iċ-ċittadini f'bosta Stati Membri huma tal-fehma li l-UE tista' tagħmel aktar biex tnaqqas il-migrazzjoni illegali billi tindirizza l-kawżi reali tagħha u ttejjeb is-sikurezza, il-kondizzjonijiet tal-għajxien u l-prosperità fil-pajjiżi ta' oriġini, pereżempju permezz tal-għajnuna għall-iżvilupp, il-kummerċ u l-investment, filwaqt li tagħti importanza kbira lill-appoġġ tat-tkabbir ekonomiku fil-kontinent Afrikan. Huma jixtiequ li l-UE tistabbilixxi kooperazzjoni aħjar mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu sabiex tiffaċilita r-ritorni. Huma jemmnu li l-UE għandha żżid ukoll il-kapaċità ta' rispons tagħha għall-kriżijiet u tinvolvi ruħha f'multilateraliżmu effettiv biex tindirizza din il-kwistjoni.

Finalment, fil-fehma ta' bosta, **il-kriminalità organizzata, it-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni, il-korruzzjoni** u theddid relatat huma kwistjonijiet li, minħabba n-natura transkonfinali tagħhom, għandhom jiġu indirizzati b'mod aktar deċiżiv fil-livell tal-UE. Iċ-ċittadini jitolbu aktar kooperazzjoni dwar iċ-**ċibersigurtà** u l-**protezzjoni tad-data**, fejn bosta jesprimu tħassib dwar id-diżinformazzjoni u jenfasizzaw l-importanza tal-litteriżmu fil-media fost il-pubbliku ġenerali f'dan ir-rigward.

2. - Unjoni ta' konverġenza u kompetittività

F'diversi Stati Membri iċ-ċittadini jenfasizzaw l-importanza tas-**suq uniku** u l-valur miżjud tiegħu biex jassikura tkabbir ekonomiku fl-Ewropa kollha. Dan ta' spiss jissemma flimkien ma' domanda biex jitkompla, b'mod partikolari fil-qasam tas-servizzi u s-suq diġitali. Iċ-ċittadini jenfasizzaw il-ħtieġa li l-UE tippromwovi **mudell ta' tkabbir sostenibbli** fil-kontinent. Xi wħud jappellaw għal approfondiment tal-**Unjoni Ekonomika u Monetarja**. L-euro u sħubija futura fiż-**żona tal-euro** jissemmew f'xi pajjiżi – kemm f'termini pożittivi kif ukoll negattivi – u ta' spiss huma marbuta mal-ħtieġa li jsir aktar biex tiġi evitata kwalunkwe kriżi fil-ġejjieni.

Iċ-ċittadini jsemmu wkoll il-ħtieġa li l-UE timxi mal-pass tal-iżviluppi teknoloġiċi. Xi wħud jesprimu xewqa li jintużaw aktar miżuri ta' **governanza elettronika**, u li jiġu żviluppati **komunitajiet intelliġenti** bħala mezz biex tissaħħaħ il-magna soċjoekonomika tal-UE. Fil-kuntest attwali ta' **rivoluzzjoni diġitali** ġdida, il-konsultazzjonijiet jiżvelaw ukoll il-perċezzjoni ta' ħtieġa li jkun promoss il-litteriżmu diġitali u li tkun stimolata l-innovazzjoni diġitali. Jeżisti appell ċar għal investment qawwi u intelliġenti fir-riċerka f'dan il-qasam. L-**intelliġenza artifiċjali**, pereżempju, tissemma ta' spiss bħala settur li fih l-UE għandha tkun minn ta' quddiem nett. Il-biża' li l-UE taqa' lura jew li tagħmel f'tit wisq fil-qasam tar-**riċerka**, l-iżvilupp teknoloġiku, l-**innovazzjoni** u d-diġitalizzazzjoni hija prevalenti fost bosta ċittadini.

L-istimulu tal-**intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-appoġġ għalihom** huma wkoll ikkunsidrati bħala mezz prinċipali biex l-Ewropa ssir post aħjar għall-**intraprenditorija** attiva, u b'hekk tingħata spinta lill-**kompetittività** tal-UE. Filwaqt li l-kompetittività hija meqjusa importanti biex timbotta l-progress u t-tkabbir, iċ-ċittadini f'diversi Stati Membri jikkritikaw ukoll il-fatt li l-istandards u l-kwalità tal-prodotti jvarjaw fl-UE kollha. L-appelli għall-promozzjoni tal-kompetittività huma għaldaqstant kontrobalanċjati b'domandi għall-**konverġenza ekonomika u soċjali**, u l-promozzjoni tal-**koeżjoni** territorjali.

L-opinjoni djar it-**tassazzjoni** huma mħallta. Xi ċittadini jħossu li jeżisti l-bżonn għal inizjattivi leġislattivi djar it-tassazzjoni, bħat-taxxa diġitali, jew saħansitra l-armonizzazzjoni tal-politiki djar it-taxxa. Bil-maqlub ta' dan, hemm ukoll min qed jappella biex it-taxxa tibqa' kompetenza nazzjonali.

Tema rikorrenti fil-konsultazzjonijiet hija dik tar-riżorsi tal-baġit, fil-kuntest tal-**Qafas Finanzjarji Pluriennali** li jmiss, bħala mezz biex ikun żgurat li l-UE hija adatta għall-iskop tagħha. Fir-rigward tad-distribuzzjoni tar-riżorsi jeżistu varjetà ta' opinjonijiet, inkluż dubji djar qtugħ potenzjali fil-baġit li jaffettwa l-politika agrikola komuni u l-politika ta' koeżjoni. Iċ-ċittadini f'bosta Stati Membri jappellaw għal baġit tal-UE bilanċjat b'valur miżjud ċar għaċ-ċittadini.

3. - Unjoni li tħares l-ambjent u tipromwovi s-sostenibbiltà

Karatteristika ewlenija tal-konsultazzjonijiet fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri hija sejħa miċ-ċittadini biex jissaħħaħ ir-rwol tal-UE fil-politika ambjentali, kif ukoll sentiment li huwa meħtieġ impenn aktar b'saħħtu fir-rigward tal-**protezzjoni ambjentali u tal-klima**. Is-suġġerimenti jinkludu ħidma biex ikun hemm aktar **leġislazzjoni** tal-UE li tkun ukoll aktar stretta f'dan il-qasam, intervent akbar biex tkun sorveljata l-**implimentazzjoni** mill-Istati Membri tal-leġislazzjoni relatata tal-UE u l-ħolqien ta' aktar inizjattivi ambjentali. Il-parteċipanti jsemmu b'mod espliċitu, fost affarijiet oħra, tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra u ta' emissjonijiet tossiċi u inkwinanti, miżuri ta' riċiklaġġ aħjar u benesseri aħjar tal-annimali. F'xi Stati Membri, iċ-ċittadini jemmnu li parti akbar mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss għandha tkun iddedikata għal **azzjoni klimatika**.

Il-ġlieda kontra **t-tibdil fil-klima/it-tiħin globali** hija msemija kemm-il darba fi kważi l-Istati Membri kollha, speċjalment miċ-ċittadini żgħażaġħ, u hija **perċepita bħala waħda mill-akbar sfidi li qed tiffaċċja l-UE**. F'xi każijiet, ir-rekwiżiti tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-protezzjoni tal-klima huma kkunsidrati kontrapiż għall-politika nazzjonali. It-tibdil fil-klima huwa perċepit li jaffettwa varjetà ta' oqsma ta' politika: mhux biss il-ġenerazzjoni tal-enerġija u t-trasport, iżda anki l-agrikoltura u l-ikel, u d-drawwiet alimentari tagħna. B'mod aktar ġenerali, iċ-ċittadini jiġbdu l-attenzjoni għall-ħtieġa li jkun hemm **konsum sostenibbli**.

Is-**sostenibbiltà** ta' spiss tissemma bħala kwistjoni, inkluż l-idea li l-innovazzjoni għandha tiġi valutata f'termini tal-valur fit-tul tagħha għaċ-ċittadini. Filwaqt li xi proposti jirreferu għall-fatt li għandha tingħata aktar kunsiderazzjoni lill-kriterji ambjentali u soċjali fir-regolamenti, parteċipanti oħra jħossu li temi bħall-produzzjoni tal-ikel, l-ekonomija ċirkolari u l-upcycling ikunu jeħtieġu mbottatura Ewropea.

Iċ-ċittadini f'xi Stati Membri jidentifikaw l-importanza ta' għanijiet sostenibbli fil-**politika agrikola** wkoll. Filwaqt li jissema xi tħassib djar l-impatt tal-biedja moderna fuq l-ambjent, jeżistu wkoll appelli biex ikun hemm aktar protezzjoni tal-pajsaġġi rurali u għal sforz konġunt biex jitnaqqas id-distakk bejn iż-żoni rurali u dawk urbani.

F'xi każijiet, id-diskussjonijiet jiżvelaw sentiment li m'hemmx **edukazzjoni** biżżejjed dwar il-politiki ambjentali tal-UE u li hemm nuqqas ta' inċentivi prattiċi biex iñeġġu lin-nies isiru "ekoloġiċi", filwaqt li ċ-ċittadini f'xi Stati Membri ġibdu l-attenzjoni b'mod partikolari għall-ħtieġa ta' inċentivi biex titħeġġeġ it-transizzjoni lejn enerġiji rinnovabbli. Flimkien ma' dan hemm domanda f'xi Stati Membri għal involviment u dibattitu akbar dwar kif l-aġenda għal azzjoni klimatika tħalli impatt fuq il-ħajja ta' kuljum tan-nies.

Filwaqt li l-infrastruttura transkonfinali eżistenti fil-qasam **tal-provvista tal-elettriku u l-mobbiltà** ta' spiss tissemma bħala kisba pożittiva tal-UE, il-parteċipanti f'xi pajjiżi jaraw ukoll bżonn speċjali li tkun żviluppata strateġija Ewropea komuni dwar il-mobbiltà. Xi ċittadini jisħqu dwar il-ħtieġa li l-Ewropa tiegħu azzjoni biex tindirizza l-futur tal-provvista tal-enerġija, f'oqsma bħall-eliminazzjoni gradwali tal-ġenerazzjoni tal-elettriku minn impjanti li jaħdmu bil-faħam.

Il-bżonn li jkun imsaħħaħ ir-**rwol globali** tal-UE fir-rigward tal-ambjent huwa wkoll enfasizzat bħala objettiv importanti fil-kuntest internazzjonali attwali diffiċli u li qed jinbidel. Bosta parteċipanti jridu li l-Unjoni Ewropea tkun mexxej globali fir-rigward tal-aġenda għas-sostenibbiltà u fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

4. - Unjoni ta' benesseri u opportunitajiet

Il-**protezzjoni soċjali** hija wkoll preokkupazzjoni ewlenija għaċ-ċittadini. Madankollu m'hemmx qbil dwar kemm l-UE għandha tkun attiva f'dan il-qasam. Il-parteċipanti f'diversi Stati Membri huma protettivi ħafna tas-sistemi ta' sigurtà soċjali nazzjonali tagħhom. Madankollu, bosta xorta jridu li l-UE jkollha rwol aktar b'saħħtu fil-ġlieda kontra l-faqar, l-esklużjoni soċjali, il-qgħad, id-diskriminazzjoni, it-theddid għad-drittijiet tal-ħaddiema, l-aċċess limitat għas-servizzi, kif ukoll problemi li jirriżultaw minn tibdil teknoloġiku u fis-soċjetà, inkluż il-bżonn li titnaqqas id-**diviżjoni diġitali**. Tħassib rikorrenti ieħor espress miċ-ċittadini huwa n-nuqqas perċepit ta' **konverġenza soċjali u tal-istandard tal-għajxien**, jew saħansitra theddida għal din il-konverġenza, fl-Istati Membri u bejniethom.

Proposti Speċifiċi - Iċ-ċittadini kkontribwew rikkezza kbira ta' ideat u suġġerimenti għal dan id-dibattitu dwar il-futur tal-Ewropa, li jvarjaw ħafna. Dawn huma xi ftit eżempji minn Stati Membri differenti u mill-firxa ta' oqsma tematiċi:

- sistema ta' mballaġġ unifikata ġewwa l-UE li tkun soġġetta għal depożitu, biex jitnaqqas l-iskart mill-imballaġġ; u riċiklaġġ obbligatorju tas-sistema tal-flieken PET mal-UE kollha
- Indiċi tal-Benesseri Ewropew Gross
- kurrikulu dwar iċ-ċittadinanza tal-edukazzjoni ċivika Ewropea fis-sistemi edukattivi kollha fl-UE
- il-pjattaformi tal-internet għandhom joffru l-istess kwalità ta' servizzi fl-Istati Membri kollha tal-UE
- festa pubblika Ewropea f'Jum l-Ewropa

Hemm appell ċar għal aktar **impjiegi** u għal impjiegi aħjar. Iċ-ċittadini f'xi pajjiżi qed jitolbu għall-koordinazzjoni tar-regoli tas-**suq tax-xogħol**, inkluż l-aċċess u l-mobbiltà. Bosta ċittadini jagħtu attenzjoni partikolari lill-ġenerazzjoni żagħżugħa u l-biża' tal-eżodu ta' mħuħ iffaċilitat mill-moviment liberu tal-persuni li, paradossalment, bosta ċittadini jarawh bħala wieħed mill-aktar beneficiċċji importanti tas-sħubija mal-UE. Il-**futur tal-impjiegi** u kif ser jaffettwahom huwa suġġett prominenti għaċ-ċittadini, l-istess bħalma hi l-**ugwaljanza bejn il-ġeneri**. Bosta persuni jinsistu dwar il-ħtieġa li jkun indirizzat id-distakk fil-paga bejn il-ġeneri u l-ostakli li n-nisa għadhom qed jiffaċċjaw biex jidħlu fis-suq tax-xogħol. Il-parteċipanti ta' spiss jorbtu d-demografika ġenerali u l-popolazzjoni li qed tixjieħ b'mod partikolari mal-kwistjonijiet tas-suq tax-xogħol, u mal-**kura tas-saħħa**. L-UE fl-intier tagħha ġeneralment hija meqjusa li qed tagħmel ftit wisq biex tindirizza l-kwistjonijiet relatati mas-saħħa u mal-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi.

Iċ-ċittadini jitolbu b'saħħha wkoll aktar azzjoni, fil-livell tal-UE, fil-qasam tal-**edukazzjoni**. It-talbiet jiffokaw prinċipalment fuq l-iżvilupp ta' ħiliet ġodda f'konformità mar-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol, iż-żieda fil-mobbiltà edukattiva, ir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi u kwalifiki professjonali u tekniċi, u investiment akbar fix-xjenza u r-riċerka, u fit-tagħlim tul il-ħajja. **Erasmus+** ġeneralment jissemma b'ħala wieħed mill-akbar suċċessi tal-UE li għandu jissaħħaħ ulterjorment. Skont bosta mill-parteciċipanti t-tagħlim ta' lingwi Ewropej oħra għandu jġi m'ħeġġeġ.

5. Unjoni b'saħħitha fix-xena globali

Għalkemm dan mhux suġġett prominenti, l-UE hija ġeneralment ikkunsidrata **forza għall-ġid fid-dinja**, fejn iċ-ċittadini jenfasizzaw is-setgħa normattiva tal-Unjoni fir-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi. Huma jaraw li l-UE qed tuża b'suċċess il-persjoni bejn il-pari - is-setgħa tal-eżempju - biex twassal il-valuri tagħha, b'mod partikolari dawk tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, lil hinn mill-fruntieri tagħha. Hemm sejħa frekwenti biex fir-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi l-azzjoni esterna tal-UE tkun xprunata mill-valuri; din hija kkunsidrata kemm b'ħala responsabbiltà globali kif ukoll b'ħala imperattiv morali. Dan l-appell ta' spiss huwa marbut max-xewqa li l-UE ssir mexxej globali f'xi setturi, u speċjalment fir-rigward tal-ħarsien tal-ambjent.

Jeżisti konsensus fost iċ-ċittadini li biex tiddefendi l-interessi u l-valuri tagħha, u, l-aktar importanti, biex tiproteġi liċ-ċittadini tagħha, jeħtieġ li l-UE tkun involuta b'aktar saħħha fl-affarijiet dinjin u li jkun hemm **aktar unità** fir-rigward tal-politika barranija. L-UE ta' spiss hija kkunsidrata mill-parteciċipanti b'ħal dgħajfa wisq, mingħajr influwenza suffiċjenti fix-xena globali u li xi drabi mhix kapaċi tittratta l-kriżijiet li qed iseħħu fil-viċinat strateġiku tagħha. L-azzjoni esterna tal-UE hija perċepita li **mhix effettiva u kredibbli biżżejjed**, u saru appelli biex tissaħħaħ il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK). Iċ-ċittadini jissottolinjaw il-ħtieġa li jkun hemm **vuċi waħda**, b'mod partikolari fil-kuntest tar-relazzjonijiet tal-UE ma' potenzi kbar oħra (l-Istati Uniti, iċ-Ċina u r-Russja). L-attenzjoni hawn hija fuq il-politika tad-difiża, it-tkabbir u l-kummerċ.

Bosta ċittadini jemmnu li l-UE ma għandhiex tiddependi fuq atturi oħra għas-**sigurtà u d-difiża** tagħha stess. Madankollu, bosta jikkunsidraw li kwalunkwe approċċ tal-UE għandu jkun kumplimentari għan-NATO u mhux jissostitwiha. L-opinjoni jvarjaw minn sempliċiment titjib fil-koordinazzjoni u l-integrazzjoni tal-kapaċitajiet ċivili u militari nazzjonali sa sejħa rikorrenti għal politika tad-difiża komuni bil-kapaċitajiet proprji. Xi ċittadini jixtiequ wkoll aktar dialogu pubbliku dwar inizjattivi relatati mas-sigurtà, b'ħall-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO).

Iċ-ċittadini jpoġġu wkoll il-valuri fiċ-ċentru tal-politiki tal-UE dwar il-**viċinat** u t-**tkabbir**. Huma jridu li pajjiżi li jaderixxu mal-valuri u n-normi tal-UE u mad-demokrazija biss isiru membri. Madankollu, hemm xi nuqqas ta' qbil dwar it-twaqqit. Filwaqt li xi persuni huma b'mod ċar favur it-tkabbir lejn il-Balkani tal-Punent, il-biċċa l-kbira jenfasizzaw li l-UE jeħtieġ li l-ewwel tikkunsidra li tikkonsolida l-istatus attwali tagħha qabel ma jkun jista' jsir kwalunkwe tkabbir ieħor. B'mod ġenerali, madankollu, iċ-ċittadini jaraw perspettiva Ewropea b'saħħitha għall-Balkani tal-Punent, u f'it inqas, f'xi Stati Membri, anki għal xi ftit pajjiżi fil-viċinat tal-Lvant.

Ir-relazzjonijiet **kummerċjali** tal-UE huma ġeneralment perċepiti b'ħala pożittivi, iżda jeżisti wkoll tħassib dwar l-istandards soċjali u ambjentali fil-ftehimiet ta' kummerċ ħiels ma' pajjiżi terzi, li għal darb'oħra jenfasizza x-xewqa taċ-ċittadini Ewropej li l-UE taġixxi abbażi tal-valuri komuni tagħha. Xi ċittadini jappellaw ukoll biex l-UE tuża l-influwenza politika tagħha saħansitra aktar biex timponi s-setgħa globali tagħha.

6. - Unjoni ta' valuri u diversità

Id-diviżjonijiet bejn l-Istati Membri huma sors rikorrenti ta' tħassib f'diversi pajjiżi. Iċ-ċittadini, partikolarment dawk minn Stati Membri iżgħar, jenfasizzaw in-nuqqas perċepit ta' sħubija ġenwina bejn il-pajjiżi żgħar u dawk kbar bħala problematiku. Ta' spiss iħossu li l-interessi tal-akbar atturi huma l-mutur prinċipali tal-politiki tal-Unjoni, għalkemm din il-perċezzjoni żgur mhix unanima. Id-djalogi f'diversi Stati Membri jiġbdu l-attenzjoni wkoll għal **nuqqas perċepit ta' ġustizzja u standards doppji**, fejn ir-regoli komuni huma meqjusa li mhux dejjem japplikaw b'mod uniformi għal kulħadd. Minbarra d-diviżjoni bejn iż-żgħar u l-kbar, diviżjonijiet identifikati ta' spiss jinkludu dawk bejn l-Istati Membri l-"antiki" u dawk "ġodda", kif ukoll qsim skont il-linji ġeografiċi. Bi tweġiba għal dan, huwa komuni li jsiru appelli għal **koeżjoni u solidarjetà** akbar.

Fir-rigward tad-diviżjonijiet, l-UE tibqa' tiġi rikonoxxuta minn maġġoranza ta' ċittadini bħala **forza għat-tajjeb** u bħala komunità magħquda flimkien permezz ta' **valuri kondiviżi**. Naturalment, tiffaċċa pluralità ta' vuċijiet. Id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-paċi u d-demokrazija huma fost il-valuri l-aktar imsemmija. Ir-rwol li għandha l-UE fl-assikurazzjoni tal-**paċi** fil-kontinent jiġbed attenzjoni speċjali. Iżda hemm tendenza wkoll li d-diskussjonijiet maċ-ċittadini jenfasizzaw l-imperfezzjonijiet tal-UE bħala komunità ta' valuri, u b'mod partikolari d-distakk bejn ir-retorika tal-Unjoni u l-azzjoni tagħha. Dan ta' spiss jagħti bidu għal sejħiet għal azzjoni aktar deċiżiva biex jitnaqqas dan id-distakk.

Sabiex jissaħħaħ is-sentiment ta' għaqda, f'xi Stati Membri xi kultant jinstemgħu appelli biex jiżdedu l-isforzi biex jiġi promoss l-iżvilupp ta' "**identità Ewropea**" komuni, li, skont bosta ċittadini, illum għadha aktar aspirazzjoni milli realtà. Il-mobbiltà u l-iskambji, b'mod partikolari għaż-żgħażaġħ, huma meqjusa ċentrali biex dan il-proċess jirnexxi.

Filwaqt li impenn għall-valuri komuni huwa meqjus bħala fil-qalba proprja tal-UE bħala komunità, id-**diversità** fost l-Istati Membri hija wkoll meqjusa bħala assi maġġuri tal-Unjoni. Skont bosta parteċipanti, l-identità Ewropea għandha tikkoeżisti mal-identitajiet nazzjonali aktar milli tissostitwihom. Bl-istess mod, diversi ċittadini jenfasizzaw il-ħtieġa li jkunu rispettati l-kulturi nazzjonali differenti. L-insistenza f'bosta Stati Membri dwar il-ħtieġa li jkunu rispettati d-**differenzi nazzjonali u kulturali** ta' spiss tagħti lok għal riflessjoni dwar kwistjonijiet istituzzjonali. Bil-kontra tat-twemmin komuni, li jissuġġerixxi nuqqas ta' interess miċ-ċittadini fi kwistjonijiet bħal dawn, il-kwistjoni tal-**kompetenzi** rispettivi tidher pjuttost rilevanti għal bosta.

F'konformità mal-prinċipju tas-**sussidjarjetà**, maġġoranza ta' ċittadini Ewropej jistennew li l-UE tiffoka fuq oqsma fejn jista' jkollha **valur miżjud**. Ta' spiss diviżjoni korretta tal-kompetenzi bejn il-livell nazzjonali u dak Ewropew hija enfasizzata bħala kruċjali biex il-proġett Ewropew jirnexxi. F'dan ir-rigward, estensjoni tal-kompiti għal oqsma fejn l-Istati Membri jistgħu jiksibu riżultati aħjar hija meqjusa potenzjalment dannuża għall-perċezzjoni taċ-ċittadini tal-UE billi twessa' id-distakk bejn il-kapaċitajiet u l-aspettattivi. L-opinjoni naturalment ivarjaw fir-rigward tad-diviżjoni preferuta tal-poteri, madankollu teżisti perċezzjoni mifruxa sew li s-sitwazzjoni attwali tista' tittejjeb. Minkejja dan, teżisti ftit konfużjoni fir-rigward tal-kompetenzi rispettivi tal-Istati Membri u tal-UE, li tikkontribwixxi parzjalment biex tispjega n-**nuqqas ta' fiduċja** ġenerali ta' spiss msemmi fir-rigward tal-istituzzjonijiet tal-UE. Dan huwa xprunat ukoll minn **nuqqas perċepit ta' trasparenza**, fejn ta' spiss jissemma d-**defiċit demokratiku**, u minn perċezzjonijiet ta' **burokrazija eċċessiva**, li ta' spiss hija marbuta ma' diffikultajiet ta' aċċess għall-fondi tal-UE.

Kummenti finali

Il-konsultazzjonijiet taċ-ċittadini ntlaggħu mis-soċjetà ċivili, fejn bosta apprezzaw dan l-eżerċizzju fil-valutazzjoni tal-opinjoni taċ-ċittadini. F'dak is-sens, dan l-eżerċizzju jikkontribwixxi b'mod naturali biex tkun indirizzata domanda ġenerali għal involviment mis-soċjetà ċivili u magħha, f'ħa li ssemmiet regolarment fid-djalogi.

Id-djalogu jidher partikolarment importanti fid-dawl tax-xewqa, li kienet ukoll enfasizzata b'mod konsistenti miċ-ċittadini fil-konsultazzjonijiet kollha, li jkun hemm intendiment aħjar ta' kif tiffunzjona l-UE, u ta' xi tfixxer is-sħubija mal-UE. Saru bosta appelli biex jiżdedu l-isforzi biex l-edukazzjoni dwar l-UE tkun promossa aħjar. Skont bosta ċittadini, dan għandu jsir permezz ta' inizjattivi dedikati, iżda anki permezz tas-simplifikazzjoni tal-lingwaġġ użat mill-UE fil-komunikazzjoni tagħha maċ-ċittadini. Lingwaġġ wisq mhux ċar u burokratiku ta' spiss huwa enfasizzat bħala ostaklu ewlieni fl-interazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u ċ-ċittadini.

Is-suċċess tad-djalogi organizzati fl-Istati Membri differenti huwa rifless ukoll f'appelli għal involviment kontinwu. L-inkoraġġiment ta' azzjoni u dibattitu dwar kwistjonijiet tal-UE fil-livell lokali huwa perċepit bħala partikolarment importanti miċ-ċittadini. Fil-fatt, l-inizjattiva tal-konsultazzjonijiet taċ-ċittadini ssegwi fil-passi ta' prattiki oħra, li huma diġà stabbiliti sew f'diversi Stati Membri, bil-għan li jitravwem djalogu dwar l-UE fil-livell lokali.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, dan ir-rapport jipprova jirrifletti proċess li jvarja kemm fil-forma kif ukoll fil-kontenut. Huwa mhux intenzjonat li jkun sommarju finali tal-involvement maċ-ċittadini fil-livell nazzjonali, li ser ikompli f'diversi forom. Aktar minn hekk, għandu jiġi mifhum bħala kontribut għall-isforzi kontinwi biex is-soċjetà ċivili tkun involuta aħjar, bil-ħsieb li jkun infurmati d-diskussjonijiet tal-mexxejja dwar il-futur tal-Ewropa u d-definizzjoni tal-aġenda strateġika li jmiss.